MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1256/2002

**Mixer Limited, gja' Planka Limited, u Sebastian u Maria konjugi Dalli.**

**-vs-**

**Joseph u Carmen konjugi Gaffarena u Emmanuel sive Wally Gaffarena.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi permezz ta’ kawza fl-ismijiet *Joseph u Carmen konjugi Gaffarena vs Mixer Limited*, il-konvenuti konjugi Gaffarena qeghdin jallegaw l-ezistenza ta’ skrittura datata 4 ta’ Gunju 1991 allegatament iffirmata bejn Joseph Gaffarena u l-konvenut l-iehor Emmanuel sive Wally Gaffarena ghan-nom tas-socjeta’ attrici, liema skrittura ghadha pero’ sa issa qatt ma giet esibita fl-original taghha;

Illi l-iskop ta’ tali skrittura kien illi s-socjeta’ attrici tikkostitwixxi ruhha debitrici fil-konfront tal-konjugi Gaffarena fis-somma ta’ sitt mitt elf lira Maltin (Lm600,000) li giet deskritta bhala *shareholder’s loan* elargit fiz-zmien illi Joseph Gaffarena kien azzjonista u direttur tas-socjeta’ attrici, meta tali somma ma kenitx tirrizulta mill-kontabilita’ tas-socjeta’ attrici, u li ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta’ attrici qieghda tikkontesta l-legalita’, il-veracita’ u l-validita’ ta’ tali skrittura per via eccezzjonali fil-kawza fl-ismijiet inversi;

Inoltre illi tali allegat debitu lanqas ma gie dikjarat fil-kontabilita’ tas-socjeta’ attrici waqt illi kien direttur taghha l-konvenut Emmanuel sive Wally Gaffarena u anzi gie mistur mill-atturi Sebastian u Maria Dalli waqt it-trattattivi bejniethom sabiex il-konjugi Dalli jakkwistaw il-pakkett azzjonarju shih ta’ Mixer Limited, allura Planka Limited; mhux talli gie mistur, talli jirrizulta mill-kontabilita’ tas-socjeta’ attrici li din ghandha tiehu minghand Joseph Gaffarena s-somma ta’ mitejn u erbgha u ghoxrin elf, erba’ mija hamsa u hamsin lira Maltin (Lm224,455);

Illi bhala rizultat tal-kreditu fittizju simulat mill-konvenut Joseph Gaffarena u mill-konvenut Emmanuel sive Wally Gaffarena ghan-nom tas-socjeta’ attrici, is-socjeta’ attrici giet imtaqqla bi djun li mhumiex taghha, filwaqt illi l-pakketta azzjonarju akkwistat mill-konjugi Dalli jiswa anqas kemm suppost jiswa u minn kemm gie stmat fil-mument ta’ l-akkwista tieghu;

Illi recentement, matul il-proceduri li qeghdin jinstemghu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, irrizulta li l-konvenut Emmanuel sive Wally Gaffarena rrilaxxja stqarrija li fiha iddikjara li, a kuntrarju ta' kwantu minnu dikjarat fil-kontabilita' tas-socjeta' attrici, il-konvenuti konjugi Gaffarena kienu ghadhom sal-mument tal-bejgh tas-socjeta' krudituri ta' l-istess socjeta', izda f'ammont anqas minn kwantu reklamat mill-konvenuti konjugi Gaffarena;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew frodi a skapitu ta' l-atturi;

2. Tiddikjara li l-atturi soffrew danni bhala rizultat ta' tali frodi u tillikwida tali danni;

3. Tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-imghax u bl-ispejjez legali, bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-22 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

Illi preliminarjament Dr. Gianfranco Gauci ghandu jipprova bla ombra ta' dubbju il-mandat li huwa ghandu biex jistitwixxi l-procedura odjerna kif ukoll li huwa jaf di xjenza proprja il-fatti tal-kawza.

Illi bla pregudizzju l-esponenti jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2154 tal-Kodici Civili.

Illi bla pregudizzju l-konvenuti ghandhom jigu liberati minn l-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-attur Sebastian u Maria konjugi Dalli stante illi l-konvenuti Gaffarena m’ghandhom ebda relazzjoni guridika maghhom, billi l-iskrittura datata 4 ta’ Gunju 1991 kienet maghmula bejn l-konvenut Gaffarena u s-socjeta’ Planka Limited illum maghrufa bhala Mixer Limited.

Illi subordinatament ghas-suespost, il-meritu ta’ din il-kawza kien gja deciz f’din il-Qorti diversament preseduta u llum jinsab pendenti fil-Qorti tal-Appell, liema appell jinsab differit ghas-seduta tal-4 ta’ Frar 2003, u ghalhekk din il-kawza hija frivola u vessatorja u intiza biss sabiex ittawwal.

Illi s-socjeta’ attrici ma tistax tattakka skrittura maghmula minnha stess u tallega li hija stess ikkomettiet frodi fil-konfront taghha stess u tallega li soffriet danni li ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

Illi kuntrarjament ghal dak allegat l-attur Sebastian Dalli kien jaf bl-ezistenza tal-iskrittura u d-debitu qabel ma kkonkluda n-negozju biex akkwista l-ishma tal-Planka Limited u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut wara li l-Avukati trattaw din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat.

Illi l-konvenut permezz tal-eccezzjoni ulterjuri msemmija qed jeccepixxi *res judicata* a bazi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell

illi nghatat fil-mori tal-kawza u cioe' fis-16 ta' April, 2004. Din is-sentenza kkonfermat dik tal-Prim'Awla moghtija fis26 ta' April, 2000 fejn il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-atturi Gaffarena (konvenuti fil-kawza odjerna) biex is-socjeta' Mixer Limited tigi kundannata thallas is-somma indikata fic-citazzjoni a bazi ta' skrittura bejn il-partijiet tal-4 ta' Gunju, 1991. Wahda mill-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fil-kawza (u allura l-atturi f'dik odjerna) kienet tirrigwardja l-veracita' ta' din l-iskrittura.

L-iskop tal-principju tar-*res judicata* hu evidenti u cioe' li l-legislatur hass li ma jistax ikun hemm stat ta' incertezza ndefinita fejn jidhlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwisiti wara process gudizzjarju.

Il-gurisprudenza taghna hija ghanja f'dan ir-rigward u per ezempju l-Qorti qed ticcita l-kawza Bugeja vs Azzopardi deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Gunju, 2001 li ticcita diversi sentenzi ohra. Fost affarijet ohra per ezempju l-Qorti qalet;

*L-ebda disposizzjoni fil-ligi taghna ma taghti lok li titressaq citazzjoni sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Ghalhekk din il-Qorti m'hiex ser tisma' l-provi dwar x'kienet il-procedura segwita f'kawza li ghaddiet in gudikat u li fiha ma giex utilizzat ir-rimedju provdut mil-ligi sabiex tali sentenza tigi attakkata.*

Fil-kawza Gerada vs Caruana imsemmija mill-istess sentenza u li giet deciza fl-1973 intqal;

*L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u ntralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga' tqajjem kwistjonijiet rigward taghha u terga' tiftahha.*

Fil-ftuh tat-trattat tieghu dwar dan l-istitut, Laurent jiccita awtur iehor Pothier li jghid *L'autorita della cosa giudicata fa presumere vero e giusto tutto cio' che si contiene nella sentenza – res judicata pro veritate accipitur.*

Hu maghruf li r-rekwisiti biex l-eccezzjoni tirnexxi huma tlieta u cioe' l-identita' tal-persuni, tat-talba u tal-oggett – *eadem personae, eadem res, eadem causa petendi.* Ghalhekk kull ezami dwar din l-eccezzjoni ghandha bzonn ta' indagini ta' dawn it-tlett fatturi.

F'din il-kawza ma hemmx kwistjoni dwar l-identita' tal-partijiet. Il-kwistjonijiet l-ohra huma ftit iktar kumplikati, madankollu meta wiehed jezamina t-talbiet fiz-zewg kawzi jsiru iktar semplici. Fil-kawza gia' deciza l-konvenuti odjerni talbu hlas a bazi tal-iskrittura tal-4 ta' Gunju, 1991. Hemmhekk Mixer Limited eccepiet il-veracita tal-iskrittura. Ghalkemm b'mezzi mhux ezattament ortodossi f'kawzi fil-Qrati Superjuri izda certament legali u sanciti bhala tali mill-Qorti tal-Appell (cioe' permezz tal-presentata ta' kapitoli) l-atturi Gaffarena ottjenew sentenza fil-konfront ta' Mixer Limited a bazi ta' dik l-iskrittura. Ma hemmx dubbju li din is-sentenza issa ghaddiet in gudikat ghaliex il-Qorti tal-Appell ikkonermatha. Necessarjament allura l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Mixer Limited, gew kollha michuda. Ghalhekk il-kwistjoni tal-veracita tal-iskrittura ma tistax terga' titqajjem gudizzjarjament.

F'din il-kawza l-istess socjeta' Mixer Limited qed dikjarazzjoni tal-Qorti illi permezz ta' dik l-iskrittura l-konvenuti Gaffarena ikkomettew frodi fil-konfront taghhom. Dan jidher ampjament mid-dicitura tac-citazzjoni ghalkemm dan ma jissemmix fit-
talbiet. Fil-fatt l-iskrittura hija msejjha *kreditu fittizju simulat* fic-citazzjoni.

Il-Qorti thoss li jekk thalli l-kawza titkompla u allura thalli l-possibilta' li jigi dikjarat li din l-iskrittura tikkostitwixxi frodi fl-konfront tas-socjeta' attrici tkun qeghda necessarjament tiddikjara *ineffikaci* dak li il-Qorti tal-Appell gie ddikjara

effikaci u jikkostitwixxi kreditu u debitu bejn il-partijiet. Huwa veru illi *l-eccezzjoni tar-res judicata ghandha tigi ammessa b'hafna cirkospezzjoni* (Gerada vs Caruana - Qorti tal-Appell 7 ta' Marzu, 1958) izda fl-istess hin l-istess sentenza tghid *xi drabi jigri illi d-decizjoni m'hix interament fil-parti dispositiva taghha izda anke fil-parti razjonali taghha meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta l-vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-presmessa logika u necessarja tad-dispositiv u allura dik il-parti tifforma haga wahda mad-dispositiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-gudikat.*

Kif gia' inghad f'dan il-kaz l-adezjoni tal-Qorti ghat-talba tal-atturi fil-kawza in kwistjoni tfisser necessarjament ic-cahda tal-eccezzjonijiet kollha u wahda minn dawn l-eccezzjonijiet tikkostitwixxi l-bazi tat-talba attrici fil-kawza odjerna.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, u tichad it-talbiet attrici.**

**L-ispejjes jigu sopportati mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------